**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 134/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Daniel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Daniel Azzopardi,** detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9799(G), talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' siegħa neqsin kwart ta' filgħodu (00:45hrs), fi Triq l-Imġarr, Xewkija, waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki u bin-numri ta' reġistrazzjoni TWO 885:

(1) b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Bernard Camilleri skond kif iċċertifika Dr. Alexander Krynicki MD mill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HRD 777 tal-għamla Toyota, għad-detriment ta’ Bernard Camilleri;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, cioe’ Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, sar ħati ta’ reat ieħor li kellu josserva biex ma’ jsirx jew li kellu d-dmir jimpedixxi li jsir.[3]

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija tissospendi lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta’ esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li

[1] Artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[2] Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[3] Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini ta' l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra illi fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Mejju 2023 il-Qorti laqgħet it-talba biex din il-kawża tinstema' kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Bernard Camilleri*** (Kawża Numru 133/2023) b'mod illi x-xhieda meħuda u l-provi japplikaw għaż-żewġ kawżi;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2022 il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat (Għawdex) ġew infurmati mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li kien għadu kif seħħ inċident stradali fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex bejn żewġ vetturi u li xi persuni kienu indarbu per konsegwenza ta' dan l-inċident. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn irriżulta illi kien seħħ impatt bejn Suzuki Swift bin-numru tar-reġistrazzjoni TWO 885 li allegatament kienet qed tinstaq mill-imputat Daniel Azzopardi u Toyota Starlet bin-numru tar-reġistrazzjoni HRD 777 li allegatament kienet qed tinstaq minn Bernard Camilleri. Bl-impatt qawwi li seħħ bejn iż-żewġ vetturi, il-karozza Suzuki Swift kompliet miexja sakemm ħabtet ġo ħajt tas-sejjiegħ u reġgħet għamlet *rebound* u spiċċat fin-nofs ta' triq filwaqt li t-Toyota baqgħet nieżla 'l isfel fit-triq lejn id-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex. Bħala passiġġier ma' Bernard Camilleri kien hemm Gwann Apap filwaqt li l-imputat Daniel Azzopardi kien waħdu. Riżultat tal-inċident, Daniel Azzopardi soffra ġrieħi gravi u għal xi ħin kien anke fil-periklu tal-mewt. Iż-żewġ vetturi soffrew wkoll ħsarat estensivi konsegwenza tal-impatt li seħħ bejniethom.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel u t-Tieni Akkużi - Artikolu 226(1)(c) u Artikolu 328(d) tal-Kap 9</u>**

Il-Qorti tibda biex tinnota li fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Mejju 2023, il-parte civile Bernard Camilleri fir-rigward tal-azzjoni kriminali fil-konfront ta' Daniel Azzopardi, l-istess Camilleri irrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Il-Qorti tinnota wkoll li kemm l-akkuża kontemplata taħt l-artikolu 226(1)(c) (cioe l-ewwel akkuża) kif wkoll dik kontemplata taħt l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 (cioe t-tieni akkuża) jirrikjedu l-kwerela tal-parti offiża sabiex jkunu jistgħu jittieħdu proċeduri legali kontra l-persuna responsabbli. Għalhekk la darba l-parti offiża Bernard Camileri iddikjara illi huwa kien qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat, tali rinunzja twassal għall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali konċernanti dawn iż-żewġ akkużi.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 141 tal-Kap. 9</u>**

L-Artikolu 141 tal-Kap 9 jipprovdi li: *"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad."* Minn qari ta' dan l-artikolu huwa ċar li sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu jirrikjedi qabel xejn sejbien ta' ħtija fl-akkuża jew l-akkużi l-oħra li kontestwalment jkunu qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat. Fil-każ odjern l-akkużat qiegħed jiġi rinfaċċjat b'żewġ akkużi oħra, liema proċediment fir-rigward ta' dawn l-akkużi sejjer jiġi dikjarat estint in

vista tar-rinunzja tal-azzjoni kriminali da parti tal-kwerelant. Dan ifisser għalhekk li m'hu sejjer jkun hemm **<u>l-ebda dikjarazzjoni ta' ħtija</u>** fil-konfront tal-akkużat għal dawn iż-żewġ akkużi. Per konsegwenza għalhekk ir-reat ipotizzat f'dan l-artikolu ma jistax jirriżulta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni akkuża stante li l-kwerelant Bernard Camilleri irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat;

(b) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tat-tielet (3) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**